## ŻMIEN U MĦABBA

*Kif il-fewġa, fi żmien il-ħarifa,*
*Tgerbeb magħha il-weraq nixfin,*
*U lis-siġar, għajjiena w midruba,*
*Tħalli mbeżżgħa mill-ljieli xitwin,*

*Hekk, ħanini, ix-xjuħija, għad tagħmillek,*
*Hekk sbuħitek għad togħsfor maż-żmien;*
*Kull ġmiel tiegħek jintilef fi ħdanha*
*Xħin bis-serqa lejk joqrob iż-żmien;*

*U minn fommok tgħib siekta t-tbissima,*
*Għajnejk koħol jimtelgħu bid-dmugħ,*
*Minn fuq ġbinek, il-warda ta' ħmura*
*Għad tidbiel, w ma tibqax iktar tfuħ.*

*Iżda għid, liema riefnu mewwieti,*
*Jista' jġarraf u jtemm mħabbti lejk:*
*Bħaż-zokk oħxon tas-siġar imneżżgħa*
*Tibqa' mħabbti sa għeluq għajnejk.*

A. MANARA.

## ~~VERSI LIL M......~~

*~~Meta għajnejja jittaqqlu bil-bewsa tan-n'għas~~*
*~~U l-lejl jitla' jsaltan fuq ħlejjaq reqdin,~~*
*~~Meta ħsiebi jintilef fil-ħondoq tal-ħolm~~*
*~~Biss wiċċek idawwal dawk l-oqsma mdallmin.~~*

*~~Meta taħt ix-xemx ta' Mejju ndur qalb il-ħdura~~*
*~~U nisma' t-tħaxwixa tal-weraq mar-riħ,~~*
*~~Nistħajjilhom itennu dak ismek għalija~~*
*~~U nifraħ li l ismek sal-fewġa tgħannih.~~*

*~~Iżda meta niftakar li mħabbtek b'għod minni~~*
*~~U kollu għalxejn li nixxennaq għalik,~~*
*~~Nixfa kbira flok bewsa jġarrbu xufftejja,~~*
*~~U f'telfa nintilef, bi ħsiebi biss fik.~~*

~~A. MANARA.~~